**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Marzu 2023**

**<u>Rikors nru : 111/2023 AGV</u>**

**JC**

**u martu IVC**

**vs**

**x**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors kongunt **ghad-divorzju** ta'  JC u IVC , datat 28 ta' Frar 2023;

Jesponu bir-rispett:

Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fit-28 ta' Gunju 2013 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat **Dok A**;

Illi minn din l-ghaqda l-partijiet mghandomx tfal flimkien.

Illi it-tnejn ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' digriet mghoti mill-Onorabli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datata 21 ta' Decembru 2022 kif jidher skond il-kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Keith Calleja datat 19 ta' Jannar 2023 li kopja tieghu tinsab hawn mehmuza u mmarkat **Dok B**;

Illi l-istess partijiet ilhom jghixu hajja separata minn ma'xulxin ghal iktar minn sena, u fi kwalunkwe każ għal aktar minn sitt (6) xhur matul is-sena li għaddiet;

Illi in vista tal-premess ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati dan iz-zmien kollu, oltre illi z-zewg partijiet qed ighixu hajja independent minn ma' xulxin;

Illi permezz tal klawsola numru wiehed (1) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali iż-żewġ partijiet irrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom li jitolbu jew jirċievu manteniment minghand xulxin;

Illi permezz tal klawsola numru erbatax (14) tal-kuntratt ta' separazzjoni personali l-partijiet qablu li l-mara ma tagħmilx tibdil fil-kunjom attwali tagħha cioe se żżomm kunjomha C;

Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta Malta.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabli Qorti jogħġobha għat-raġunijiet premessi:-

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi-żmien stipulat mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan l-istat ikun jista jiġi reġistrat fir-Reġistru pubbliku;
3. Tagħti u/jew tordna kull-provvediment ieħor li jkun jidrilha hekk xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet **iċċelebrat nhar it- 28 ta' Ġunju 2013**

Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien għaxart ijiem javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Spejjeż jibqgħu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat għal ġurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**